



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

---

**2011/2148(INI)**

13.10.2011

# **EMENDI 1 - 112**

**Abbozz ta' rapport**  
**Aldo Patriciello**  
(PE467.225v01-00)

Lejn strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini  
(2011/2148(INI))

AM\_Com\_NonLegReport

**Emenda 1**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 911/2010 *tat-* 22 ta' Settembru 2010 dwar *il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja* (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu,

*Emenda*

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 911/2010 *tat-*22 ta' Settembru 2010 dwar *il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja* (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (*2011 sa 2013*),

Or. fr

**Emenda 2**  
**Niki Tzavela**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Ba. billi s-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita diġà qegħdin għas-servizz tal-gvernijiet u ċ-ċittadini tal-UE,*

Or. en

**Emenda 3**  
**Edit Herczog**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ca. billi l-ispazju huwa ta' importanza strateġika għall-Ewropa u element ewlieni għat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' azzjonijiet indipendenti tagħha,*

**Emenda 4**  
**Niki Tzavela**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa D a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Da. billi s-settur Ewropew ta' komunikazzjoni bis-satellita huwa element fundamentali biex jappoġġa industrija Ewropea tal-ispazju b'saħħitha, billi aktar minn nofs il-fatturat tal-industrija Ewropea joriġina mill-produzzjoni jew l-illanċjar ta' satelliti tat-telekomunikazzjoni,***

**Emenda 5**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa F**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

F. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi meta mqabbel **mal-GPS**, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea,

F. billi **attwalment l-UE hija dipendenti fuq is-Sistema Amerikana ta' Lokalizzazzjoni bis-Satellita (GPS), b'attivitajiet li jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 7% tal-PDG li jiddependu minn din is-sistema, u billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi ċari meta mqabbel mas-sistema Amerikana tal-GPS**, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea,

**Emenda 6**  
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa F**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

F. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi meta mqabbel mal-GPS, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea,

*Emenda*

F. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi *ċari* meta mqabbel mal-GPS, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea; ***jieħu nota tal-importanza li Galileo jista' jkollu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-kwalità ta' bosta servizzi fl-Ewropa,***

Or. en

**Emenda 7**  
**Philippe Lamberts**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa F**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

F. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi *ċari* meta mqabbel mal-GPS, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea,

*Emenda*

F. billi Galileo huwa mistenni li joffri vantaġġi meta mqabbel mal-GPS, bħat-titjib fil-preċiżjoni, l-integrità globali, l-awtentikazzjoni u l-garanzija ta' servizz, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

**Emenda 8**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa F a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Fa. billi s-suq globali tat-teknoloġija GNSS qed jikber b'mod esponenzjali u, skont l-istimi, se jammonta għal madwar EUR 150 biljun fl-2020, li anqas minn 20% minnhom se joriġinaw fl-UE; billi l-programmi EGNOS u Galileo se jgħallqu qligħ indirett għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropej b'ammont ta' EUR 60 biljun fil-forma ta' aktar sikurezza fl-ajru u fit-toroq, anqas tniġġis tal-arja u użu ta' pestiċidi, ħolqien ta' impjiegi ġodda u sikurezza pubblika,***

Or. cs

#### **Emenda 9**

**Rachida Dati, Christine De Veyrac**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

##### **Premessa H**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

H. billi l-Kummissjoni ppreżentat proposta għal finanzjament tal-Galileo għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, imma billi l-qafas ma jinkludix il-finanzjament tal-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà,

*Emenda*

H. billi l-Kummissjoni ppreżentat proposta għal finanzjament tal-Galileo għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, imma billi l-qafas ma jinkludix il-finanzjament tal-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà, ***li għalhekk jipperikola serjament il-futur ta' dan il-programm,***

Or. fr

#### **Emenda 10**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

##### **Premessa I**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

I. billi l-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni preċiża tal-għażliet tekniċi kollha possibbli u tal-ispejjeż u l-vantaġġi relatati, qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar iż-żieda tal-impenn finanzjarju tal-baġit tal-Unjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss,

*Emenda*

I. billi l-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni preċiża **u dettaljata** tal-għażliet tekniċi kollha possibbli u tal-ispejjeż u l-vantaġġi relatati **kemm għal Galileo kif ukoll għall-programm GMES**, qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar iż-żieda tal-impenn finanzjarju tal-baġit tal-Unjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss,

Or. en

**Emenda 11**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa J**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

J. billi *il-kontinwità* ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà bbażata fuq infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali u in situ perenni għandha tkun garantita mill-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà,

*Emenda*

**J. billi l-GMES huwa wkoll programm ewlieni mmexxi mill-Ewropa għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej, li jipprova informazzjoni ġeospazjali biex tgħin lill-istituzzjonijiet pubbliċi fl-implimentazzjoni ta' politiki inklużi l-ġestjoni ambjentali, il-ġestjoni tar-riskju u l-protezzjoni taċ-ċittadini;** billi *l-kontinwità* ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà bbażata fuq infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali u in situ perenni għandha tkun garantita mill-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà,

Or. en

**Emenda 12**

**Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa J**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

J. billi *il-kontinwità* ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà ***bbażata*** fuq infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali u in situ perenni għandha tkun garantita mill-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà,

*Emenda*

J. billi *l-kontinwità* ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà, ***ibbażata*** fuq infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali u in situ perenni ***u bl-aħjar użu possibbli tar-riżorsi disponibbli fl-Ewropa***, għandha tkun garantita mill-Programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà,

Or. it

**Emenda 13**  
**Herbert Reul**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa K**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

K. billi l-esplorazzjoni tal-ispazju, is-sekurizzazzjoni tal-infrastruttura spazjali u l-kooperazzjoni internazzjonali jikkostitwixxu setturi ewlenin għal politika spazjali b'suċċess,

*Emenda*

K. billi ***l-eżistenza kontinwa ta' industrija spazjali kompetittiva u b'teknoloġija avanzata***, l-esplorazzjoni tal-ispazju, ***l-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' navigazzjoni bis-satellita***, is-sekurizzazzjoni tal-infrastruttura spazjali u l-kooperazzjoni internazzjonali jikkostitwixxu setturi ewlenin għal politika spazjali b'suċċess,

Or. de

**Emenda 14**  
**Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa K**



*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

K. billi ***l-esplorazzjoni*** tal-ispazju, is-sekurizzazzjoni tal-infrastruttura spazjali u l-kooperazzjoni internazzjonali jikkostitwixxu setturi ewlenin għal politika spazjali b'suċċess,

*Emenda*

K. billi ***l-kompetittività tal-industrija appoġġata minn programm ambizzjuż ta' riċerka u żvilupp u attivitajiet addizzjonali bħall-esplorazzjoni*** tal-ispazju, is-sekurizzazzjoni tal-infrastruttura spazjali u l-kooperazzjoni internazzjonali jikkostitwixxu setturi ewlenin għal politika spazjali b'suċċess,

Or. en

**Emenda 15**

**Rachida Dati, Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa K a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ka. billi, kif innutat il-Kummissjoni, l-aċċess indipendenti għall-ispazju għandu jkun żgurat sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġettivi tal-politika Ewropea dwar l-ispazju,***

Or. fr

**Emenda 16**

**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa K a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ka. wara li kkunsidra l-kompetenzi industrijali Ewropej u r-rwol importanti ta' programmi Ewropej ewlenin fl-integrazzjoni u l-kompetittività Ewropej,***

Or. fr

## Emenda 17

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 1

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jilqa' l-istrateġija spazjali Ewropea tal-Kummissjoni bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini;

##### *Emenda*

1. Jilqa' l-istrateġija spazjali Ewropea tal-Kummissjoni bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini; ***jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp ta' servizzi spazjali downstream għall-benefiċċju taċ-ċittadini u bl-għan li jittejbu t-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni tagħha;***

Or. en

## Emenda 18

**Herbert Reul**

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 1

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jilqa' ***l-istrateġija spazjali Ewropea*** tal-Kummissjoni bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini;

##### *Emenda*

1. Jilqa' ***l-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni ***bit-titolu "Lejn strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini"*** bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini;

Or. de

## Emenda 19

**Edit Herczog**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jilqa' l-istrateġija spazjali Ewropea tal-Kummissjoni bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini;

*Emenda*

1. Jilqa' l-istrateġija spazjali Ewropea tal-Kummissjoni bħala l-ewwel stadju ta' politika spazjali globali ***u li tqis il-ħtiġijiet tal-utent*** tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini, ***il-politiki u d-diplomazija tagħha***;

Or. en

**Emenda 20  
Niki Tzavela**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**Emenda 21  
Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Iqis li hi ħaġa importanti li l-politika spazjali tkun politika realista li jkollha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza l-fatt li ***t-teknoloġiji*** spazjali huma indispensabbli

*Emenda*

***1a. Jinnota r-rwol importanti tan-netwerks tas-satelliti biex sal-2012 tinkiseb kopertura totali tal-UE bl-internet broadband, bħala għajnuna biex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali tal-UE;***

Or. en

biex *jidentifikaw id-diżastri* naturali, *jikkontribwixxu għall-iżvilupp fis-settur* tat-telekomunikazzjonijiet u biex *jidentifikaw* l-applikazzjonijiet fil-qasam tal-agrikoltura, is-sigurtà marittima, is-sajd, *it-trasport eċċ.*;

*innovazzjoni u tappoġġa l-progress xjentifiku ta' livell dinji*; jenfasizza l-fatt li *s-soluzzjonijiet* spazjali (*li jiddependu mit-teknoloġiji l-aktar avvanzati u minn bażi industrijali Ewropea kompetittiva*) huma indispensabbli biex *jigū indirizzati l-isfidi l-kbar tas-soċjetà tal-lum bħad-diżastri* naturali, *ir-riżorsi u l-monitoraġġ tal-klima*, *biex jiġi żviluppat is-settur* tat-telekomunikazzjonijiet u biex *jigū mħeġġa* l-applikazzjonijiet fil-qasam tal-agrikoltura, is-sigurtà marittima, is-sajd *u t-trasport*;

Or. en

## Emenda 22

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 2

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Iqis li hi ħaġa importanti li l-politika spazjali tkun politika realista li jkollha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza l-fatt li t-teknoloġiji spazjali huma indispensabbli *biex jidentifikaw id-diżastri* naturali, jikkontribwixxu għall-iżvilupp fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet u biex jidentifikaw l-applikazzjonijiet *fil-qasam tal-agrikoltura*, is-sigurtà marittima, is-sajd, it-trasport eċċ.;

#### *Emenda*

2. Iqis li hi ħaġa importanti li l-politika spazjali tkun politika realista li jkollha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza l-fatt li t-teknoloġiji spazjali huma indispensabbli *fl-identifikazzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri* naturali *u daww ikkaġunati mill-bniedem*, jikkontribwixxu għall-iżvilupp fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet u biex jidentifikaw l-applikazzjonijiet *fl-oqsma tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima, l-ippjanar tal-użu tal-art, il-ġestjoni ambjentali*, l-agrikoltura, is-sigurtà marittima, is-sajd, it-trasport eċċ.;

Or. en

## Emenda 23

**Herbert Reul**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 2 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***2a. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li  
tħejji politika spazjali mfassla  
speċifikament għas-sotto-setturi tal-  
industrija; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li  
din il-politika għandha tkun ikkoordinata  
mhux biss mal-ESA u l-Istati Membri,  
iżda anke mal-Parlament Ewropew;***

Or. de

**Emenda 24  
Niki Tzavela**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 2 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***2a. Jinnota l-importanza tal-  
implimentazzjoni ta' trasport stradali, bil-  
baħar u bl-ajru li jkun sostenibbli, sikur u  
intelliġenti;***

Or. en

**Emenda 25  
Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-  
responsabilità li tikkoordina u  
tikkonsolida l-politiki u l-programmi  
spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit  
approċċ Ewropew koerenti***

***imħassar***

*b'kollaborazzjoni mal-industrija u li tistabilixxi, għal perjodu ta' żmien medju u twil, mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi u kompetittivi f'qafas internazzjonali;*

Or. de

**Emenda 26**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki u l-programmi spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti ***b'kollaborazzjoni mal-industrija u li tistabilixxi***, għal perjodu ta' żmien medju u twil, mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi u kompetittivi f'qafas internazzjonali;

*Emenda*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki, ***l-aġenziji*** u l-programmi spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti, ***sabiex tikkonsolida politika industrijali li tappoġġa bażi industrijali Ewropea soda, kompetittiva u indipendenti***, għal perjodu ta' żmien medju u twil, ***inklużi*** mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi u kompetittivi f'qafas internazzjonali;

Or. fr

**Emenda 27**  
**Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki u l-programmi spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti b'kollaborazzjoni mal-industrija u li tistabbilixxi, **għal perjodu ta' żmien medju u twil**, mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex **tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità** neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi u kompetittivi f'qafas internazzjonali;

*Emenda*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki u l-programmi spazjali nazzjonali, biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti b'kollaborazzjoni mal-industrija u li tistabbilixxi mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex **tappoġġa l-kapaċità Ewropea li toħloq, tiżviluppa, tnedi, topera u tisfrutta sistemi spazjali, filwaqt li tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea u tippermetti l-kontinwità** neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi u kompetittivi f'qafas internazzjonali;

Or. en

**Emenda 28**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki u l-programmi spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti b'kollaborazzjoni **mal-industrija** u li tistabbilixxi, għal perjodu ta' żmien medju u twil, mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex **tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità** neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi **u kompetittivi** f'qafas internazzjonali;

*Emenda*

3. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkoordina u tikkonsolida l-politiki u l-programmi spazjali nazzjonali biex jiġi stabbilit approċċ Ewropew koerenti b'kollaborazzjoni **mal-partijiet interessati rilevanti kollha** u li tistabbilixxi, għal perjodu ta' żmien medju u twil, mekkaniżmi finanzjarji u leġiżlattivi biex tistimula l-industrija Ewropea u tagħmel il-kontinwità neċessarja possibbli biex ikunu appoġġati proġetti ambizzjużi f'qafas internazzjonali;

Or. en

## Emenda 29

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 4

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jilqa' pożittivament l-objettivi tal-istrateġija biex issaħħaħ l-infrastruttura spazjali tal-Ewropa u l-appoġġ għar-riċerka bil-għan li żżid ***l-indipendenza teknoloġika Ewropea***, tinkoraġġixxi l-fertilizzazzjoni reċiproka bejn is-settur spazjali u setturi ***industrijali*** oħra u tistimula l-innovazzjoni ***bħala mutur tal-kompetittività Ewropea***;

##### *Emenda*

4. Jilqa' pożittivament l-objettivi tal-istrateġija biex issaħħaħ l-infrastruttura spazjali tal-Ewropa u l-appoġġ għar-riċerka bil-għan li żżid ***l-għarfien u l-kapaċità Ewropej fil-qasam tat-teknoloġija u l-applikazzjonijiet spazjali***, tinkoraġġixxi l-fertilizzazzjoni reċiproka bejn is-settur spazjali u setturi ***politiċi*** oħra u tistimula l-innovazzjoni;

Or. en

## Emenda 30

Gaston Franco

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 4

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jilqa' pożittivament l-objettivi tal-istrateġija biex issaħħaħ l-infrastruttura spazjali tal-Ewropa u l-appoġġ għar-riċerka bil-għan li żżid l-indipendenza teknoloġika ***Ewropea***, tinkoraġġixxi l-fertilizzazzjoni reċiproka bejn is-settur spazjali u setturi industrijali oħra u tistimula l-innovazzjoni ***bħala mutur tal-kompetittività Ewropea***;

##### *Emenda*

4. Jilqa' pożittivament l-objettivi tal-istrateġija biex issaħħaħ l-infrastruttura spazjali tal-Ewropa u l-appoġġ għar-riċerka bil-għan li żżid l-indipendenza teknoloġika ***tal-bażi industrijali Ewropea***, tinkoraġġixxi l-fertilizzazzjoni reċiproka bejn is-settur spazjali u setturi industrijali oħra u tistimula l-innovazzjoni ***bħala mutur tal-kompetittività Ewropea***;

Or. fr

## Emenda 31

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE



**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 4 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**4a. Jemmen li l-infrastruttura u s-servizzi spazjali żviluppati u ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea għandhom jibqgħu sistemi ċivili taħt kontroll ċivili, u li kull applikazzjoni militari li tuża l-istess infrastruttura għandha tkun iffinanzjata għalkollox mill-baġits għad-difiża tal-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jggarantixxu t-trasparenza fil-finanzjament u f'kull tip ta' kooperazzjoni bejn l-istrateġiji tal-użu militari u ċivili tal-ispazju;**

Or. en

**Emenda 32**  
**Philippe Lamberts**  
fisem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għandhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi relevanti;

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għandhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi relevanti; ***b'mod partikolari, programm spazjali Ewropew għandu jiffoka fuq oqsma ta' valur miżjud Ewropew u jevita t-tixrid tal-isforzi jew duplikazzjonijiet ta' attivitajiet imwettqa mill-ESA;***

Or. en

**Emenda 33**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi rilevanti;

*Emenda*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi rilevanti, ***inklużi l-impatti kollha possibbli fuq il-bażi industrijali tal-Unjoni Ewropea u l-politika industrijali Ewropea;***

Or. fr

**Emenda 34**  
**Ioan Enciu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi rilevanti;

*Emenda*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb mill-istrateġija tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż, ***ir-riskji*** u l-vantaġġi rilevanti, ***kif ukoll tal-implikazzjonijiet soċjali;***

Or. ro

**Emenda 35**  
**Herbert Reul**

AM\879645MT.doc

PE473.828v01-00 18/58 AM

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 5**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb **mill-istrateġija** tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi rilevanti;

*Emenda*

5. Jinnota, madankollu, li l-azzjonjiet prijoritarji, għalkemm, huma identifikati tajjeb **mill-Komunikazzjoni** tal-Kummissjoni, għadhom parzjalment vagi; jenfasizza li dawn għandhom ikunu speċifikati u għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-għażliet tekniċi kollha u tal-ispejjeż u l-vantaġġi rilevanti;

Or. de

**Emenda 36  
Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**6. Jenfasizza l-bżonn ta' governanza ċara dwar il-politika spazjali b'mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni effikaċi biex ikunu armonizzati l-prijoritajiet u r-riżorsi li jiġu mill-fondi nazzjonali u minn daww tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u tal-Aġenzija Ewropea tad-Difiża;**

*Emenda*

**imħassar**

Or. de

**Emenda 37  
Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jenfasizza l-bżonn ta' governanza ċara dwar il-politika spazjali b'mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni effikaċi biex ikunu armonizzati l-prijoritajiet u r-riżorsi li jiġu mill-fondi nazzjonali u minn dawk tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u **tal-Aġenzija** Ewropea tad-Difiża;

*Emenda*

6. Jenfasizza l-bżonn ta' governanza ċara dwar il-politika spazjali, **filwaqt li jintużaw bl-aħjar mod possibbli l-ħiliet disponibbli fl-Ewropa**, b'mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni effikaċi biex ikunu armonizzati l-prijoritajiet u r-riżorsi li jiġu mill-fondi nazzjonali u minn dawk tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u **u aġenziji Ewropej oħra marbuta mal-ispazju u ta' sinifikat għall-UE, bħall-Aġenzija** Ewropea tad-Difiża;

Or. it

**Emenda 38**

**Ioan Enciu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 6**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

6. Jenfasizza l-bżonn ta' governanza ċara dwar il-politika spazjali b'mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni effikaċi biex ikunu armonizzati l-prijoritajiet u **r-riżorsi** li jiġu mill-fondi nazzjonali u minn dawk tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u tal-Aġenzija Ewropea tad-Difiża;

*Emenda*

6. Jenfasizza l-bżonn ta' governanza ċara dwar il-politika spazjali b'mekkaniżmi ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni effikaċi biex ikunu armonizzati l-prijoritajiet u **tigħi żgurata l-ġestjoni soda tar-riżorsi** li jiġu mill-fondi nazzjonali u minn dawk tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u tal-Aġenzija Ewropea tad-Difiża;

Or. ro

**Emenda 39**

**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 6 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-Ewropa trid iżżomm l-aċċess indipendenti għall-ispazju biex tkun tista' tilħaq l-oġettivi stabbiliti tagħha fit-twettiq tal-politika spazjali tagħha u trid tibqa' tibbenefika mill-ispin-offs mill-applikazzjonijiet spazjali; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti speċifiċi fil-qasam strateġiku tal-lanċaturi, b'mod partikolari billi tagħtihom attenzjoni partikolari fil-kuntest tal-politika industrijali fis-settur spazjali;**

Or. fr

**Emenda 40**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**6a. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-illanċjar spazjali fil-kuntest tal-politika spazjali u jenfasizza l-ħtieġa għal impetu politiku Ewropew ġdid f'dan ir-rigward, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja kritika li qed jiffaċċja s-settur tal-illanċjar fid-dinja kollha;**

Or. ro

**Emenda 41**  
**Philippe Lamberts**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Iqis li Galileo huwa programm ewlieni tal-Unjoni Ewropea u huwa l-ewwel sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita mfassla bi skopijiet ċivili li tagħmel possibbli l-indipendenza tal-Unjoni f'qasam strateġiku;

*Emenda*

7. Iqis li Galileo huwa programm ewlieni tal-Unjoni Ewropea u huwa l-ewwel sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita mfassla bi skopijiet ċivili li ***tista'*** tagħmel possibbli l-indipendenza tal-Unjoni f'qasam strateġiku;

Or. en

**Emenda 42**

**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

7. Iqis li Galileo huwa programm ewlieni tal-Unjoni Ewropea u huwa l-ewwel sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita mfassla bi skopijiet ċivili li tagħmel possibbli l-indipendenza tal-Unjoni f'qasam strateġiku;

*Emenda*

***7a. Ifakkar li l-objettiv ewlieni ta' Galileo huwa l-użu ċivili tiegħu biex tiżdied il-kompetittività Ewropea, u għalhekk dan l-objettiv għandu jingħata prijorità fuq għanijiet ta' sigurtà u difiża;***

Or. en

**Emenda 43**

**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

9. Iqis li l-kapaċità operattiva inizjali, li se tagħmilha possibbli li jiġu provduti l-ewwel servizzi, għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-2014 sabiex jiġi żgurat li Galileo tabilħaqq isir it-tieni kostellazzjoni ta' referenza għall-GNSS, partikolarment għall-produtturi tar-riċevituri; jilqa' pożittivament ***it-tluġ ta' żewġ satelliti fl-***

*Emenda*

9. Iqis li l-kapaċità operattiva inizjali, li se tagħmilha possibbli li jiġu provduti l-ewwel servizzi, għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-2014 sabiex jiġi żgurat li Galileo tabilħaqq isir it-tieni kostellazzjoni ta' referenza għall-GNSS, partikolarment għall-produtturi tar-riċevituri; jilqa' pożittivament ***l-illanċjar fl-***

*orbita* fl-20 ta' Ottubru 2011 f'Kourou;

20 ta' Ottubru 2011, *mill-Port Spazjali Ewropew* f'Kourou, ta' *żewġ satelliti ta' validazzjoni operattiva fl-orbita*;

Or. fr

#### **Emenda 44**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. *Huwa konvint li l-objettiv ta' kapaċità operattiva sħiħa, li tikkonsisti f'kostellazzjoni ta' 27 satelliti flimkien ma' numru adegwat ta' satelliti sper u infrastruttura tal-art tajba, huwa indispensabbli sabiex jinkiseb il-valur miżjud ta' Galileo f'termini ta' awtentikazzjoni, preċiżjoni kbira u servizz mhux interrott u għalhekk sabiex jittieħdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali; jibża' li Galileo se jitlef il-progress tiegħu jekk il-kummerċjalizzazzjoni u l-internalizzazzjoni tas-servizzi ma jitwettqux b'mod xieraq; iqis li hemm bżonn ta' appoġġ ċar u mhux ambigwu mill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha għall-ilħiq tal-kapaċità operattiva sħiħa sabiex l-utenti u l-investituri jkunu konvinti mill-impenn fit-tul tal-Unjoni Ewropea;*

*Emenda*

10. *Jitlob lill-Kummissjoni taqşam mal-Parlament Ewropew informazzjoni rigward l-għażliet operattivi differenti u b'mod partikolari rendikont baġitarju dettaljat tal-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom; jemmen li din l-informazzjoni hija essenzjali għall-Parlament Ewropew biex jieħu deċiżjonijiet infurmati u għandha tinkludi:*

- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (eżattezza, kopertura ġeografika, integrità, eċċ.) tas-servizzi Galileo li jistgħu jipprovdu l-konfigurazzjonijiet satellitari differenti (inklużi l-IOC u l-FOC, użati flimkien ma' sistemi GNSS oħra jew waħedhom);*
- ir-rwol tas-servizzi EGNOS fir-rigward tal-konfigurazzjonijiet differenti possibbli ta' Galileo u l-ħtieġa, jew le, li EGNOS tinżamm f'kostellazzjoni FOC;*

*- l-ispejjeż assoċjati tal-konfigurazzjonijiet possibbli ta' Galileo u EGNOS f'termini ta' investimenti fl-infrastruttura iżda wkoll ta' spejjeż ta' ġestjoni u kontinġenza (inklużi l-IOC, l-FOC jew għażliet oħra possibbli);*

Or. en

**Emenda 45**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Huwa konvint li l-oġġettiv ta' kapaċità operattiva sħiħa, li tikkonsisti f'kostellazzjoni ta' 27 satellita flimkien ma' numru adegwat ta' satelliti sper u infrastruttura tal-art tajba, huwa indispensabbli sabiex jinkiseb il-valur miżjud ta' Galileo f'termini ta' awtentikazzjoni, preċiżjoni kbira u servizz mhux interrott u għalhekk sabiex jittieħdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali; jibża' li Galileo se jitlef il-progress tiegħu jekk is-sistema ma tittlestix fil-ħin u jekk il-kummerċjalizzazzjoni u l-internalizzazzjoni tas-servizzi ma jitwettqux b'mod xieraq; iqis li hemm bżonn ta' appoġġ ċar u mhux ambigwu mill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha għall-ilħiq tal-kapaċità operattiva sħiħa sabiex l-utenti u l-investituri jkunu konvinti mill-impenn fit-tul tal-Unjoni Ewropea;

*Emenda*

10. Huwa konvint li l-oġġettiv ta' kapaċità operattiva sħiħa, li tikkonsisti f'kostellazzjoni ta' 27 satellita flimkien ma' numru adegwat ta' satelliti sper u infrastruttura tal-art tajba, huwa indispensabbli sabiex jinkiseb il-valur miżjud ta' Galileo f'termini ta' awtentikazzjoni, preċiżjoni kbira u servizz mhux interrott u għalhekk sabiex jittieħdu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali, ***u li dan l-għan għandu jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2018***; jibża' li Galileo se jitlef il-progress tiegħu jekk is-sistema ma tittlestix fil-ħin u jekk il-kummerċjalizzazzjoni u l-internalizzazzjoni tas-servizzi ma jitwettqux b'mod xieraq; iqis li hemm bżonn ta' appoġġ ċar u mhux ambigwu mill-Istituzzjonijiet Ewropej kollha għall-ilħiq tal-kapaċità operattiva sħiħa sabiex l-utenti u l-investituri jkunu konvinti mill-impenn fit-tul tal-Unjoni Ewropea;

Or. cs

**Emenda 46**  
**Norbert Glante**



**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Iqis li l-pjan finanzjarju li se jiġi adottat għal Galileo għandu jitfassal b'tali mod li jiżgura l-eżiġenzi għaż-żmien twil u tal-kontinwità li jinvolvu l-ispejjeż tal-esplorazzjoni **u** tal-manutenzjoni;

*Emenda*

11. Iqis li l-pjan finanzjarju li se jiġi adottat għal Galileo għandu jitfassal b'tali mod li jiżgura l-eżiġenzi għaż-żmien twil u tal-kontinwità li jinvolvu l-ispejjeż tal-esplorazzjoni, tal-manutenzjoni **u tas-sostituzzjoni**;

Or. de

**Emenda 47  
Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**12. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma proponietx finazjament supplimentari għal dan il-programm permezz tal-aġġustament ta' qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża' li l-ispejjeż totali tal-abbozz se jżidu l-proposta ta' 7 biljuni euro tal-Kummissjoni;**

*Emenda*

**imħassar**

Or. de

**Emenda 48  
Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**12. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma proponietx finazjament supplimentari għal dan il-programm permezz tal-**

*Emenda*

**imħassar**

*aġġustament ta' qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża' li l-ispejjeż totali tal-abbozz se jżidu l-proposta ta' 7 biljuni euro tal-Kummissjoni;*

Or. fr

**Emenda 49**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx finazjament supplimentari għal dan il-programm permezz tal-aġġustament ta' qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża' li l-ispejjeż totali tal-abbozz se jżidu l-proposta ta' 7 biljuni euro tal-Kummissjoni;**

***imħassar***

Or. fr

**Emenda 50**  
**Philippe Lamberts**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**12. Jiddispjaċih** li l-Kummissjoni ma proponietx *finazjament* supplimentari għal dan il-programm permezz tal-aġġustament ta' qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża' li l-ispejjeż totali tal-abbozz se jżidu l-proposta ta' 7 biljuni euro tal-Kummissjoni;

**12. Jifhem** li l-Kummissjoni ma proponietx *finanzjament* supplimentari għal dan il-programm permezz tal-aġġustament ta' qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 **sakemm issir valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa**; jibża' li l-ispejjeż totali tal-abbozz **x'aktarx li** se jżidu l-proposta ta' **EUR 7 biljun** tal-Kummissjoni;

Or. en

**Emenda 51**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 12 – punt a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**(a) Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) jagħmlu ħafna aktar sforz biex iżidu l-għarfien dwar il-GNSS fost l-utenti u l-investituri potenzjali, filwaqt li jippromwovu l-użu ta' servizzi bbażati fuq il-GNSS, kif ukoll li jidentifikaw u jikkonċentraw id-domanda għal dawn is-servizzi fl-Ewropa;**

Or. cs

**Emenda 52**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

13. Huwa konvint sew li l-finanzjament addizzjonali tal-GNSS jista' jkun żgurat biss jekk l-għarfien tal-benefiċċji għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-Unjoni li jirriżultaw mill-GNSS jikber b'mod konsiderevoli fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali; jilqa' l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konkreti bħall-kompetizzjoni għall-ideat Galileo Masters;

13. Huwa konvint sew li l-finanzjament addizzjonali tal-GNSS jista' jkun żgurat biss jekk l-għarfien tal-benefiċċji għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-Unjoni li jirriżultaw mill-GNSS jikber b'mod konsiderevoli fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali; jilqa' l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konkreti bħall-kompetizzjoni għall-ideat Galileo Masters; **jekk f'inizjattivi bħal dawn ikunu involuti fondi Komunitarji, dawn għandhom jingħataw b'rotazzjoni mill-Istati Membri kollha tal-UE jew tal-anqas għandhom ikunu mifruxa bejn il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;**

Or. fr

### Emenda 53

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 13

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Huwa konvint sew li l-finanzjament addizzjonali tal-GNSS jista' jkun żgurat biss jekk l-għarfien tal-benefiċċji għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-Unjoni li jirriżultaw **mill-GNSS** jikber b'mod konsiderevoli fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali; jilqa' l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konkreti bħall-kompetizzjoni għall-ideat Galileo Masters;

##### *Emenda*

13. Huwa konvint sew li l-finanzjament addizzjonali tal-GNSS jista' jkun żgurat biss jekk l-għarfien tal-benefiċċji **u l-ispejjeż** għall-ekonomija u għas-soċjetà tal-Unjoni li jirriżultaw **minn għażliet differenti possibbli tal-GNSS**, jikber b'mod konsiderevoli fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku ġenerali; jilqa' l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konkreti bħall-kompetizzjoni għall-ideat Galileo Masters;

Or. en

### Emenda 54

**Gaston Franco**

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 14

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret billi tkun garantita l-kopertura tal-Ewropa u *wkoll* tal-Afrika;

##### *Emenda*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret billi tkun garantita l-kopertura tal-Ewropa, **tal-Artiku, tar-reġjun tal-Mediterran u anke** tal-Afrika; ***l-iżvilupp u l-użu ta' EGNOS għandhom jitwettqu pass pass biex funzjonijiet ġodda jkunu jistgħu jsiru disponibbli gradwalment kif ikun jidher meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-utenti u l-iżvilupp tal-istandards;***

**Emenda 55**

**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret **billi tkun garantita l-kopertura tal-Ewropa u wkoll tal-Afrika;**

*Emenda*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret; **jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li s-sistema EGNOS tkopri l-UE kollha, bl-għan li jiġi kkonsolidat is-suq komuni, u jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm espansjoni f'dik is-sistema lejn in-Nofsinhar, il-Lvant u x-Xlokk tal-Ewropa;**

**Emenda 56**

**Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret billi tkun garantita l-kopertura tal-Ewropa u **wkoll tal-Afrika;**

*Emenda*

14. Ifakkar li l-EGNOS tirrappreżenta programm reali u operattiv; hu konvint li hemm bżonn li dan il-programm jiġi valorizzat bis-sħiħ u li l-applikazzjonijiet tiegħu jiġu sfruttati b'mod konkret billi tkun garantita l-kopertura **mhux biss** tal-Ewropa **iżda anke tar-reġjun tal-Artiku** u tal-Afrika;

**Emenda 57**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. **Jenfasizza r-rwol** fundamentali **tal-Programm GMES** għall-osservazzjoni tad-dinja; iqis li l-GMES għandu jggarantixxi kontinwità tal-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà fuq il-bażi tal-infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali in situ perenni;

*Emenda*

15. **Iqis li l-GMES hija wkoll programm ewlieni tal-Unjoni Ewropea u għandha rwol** fundamentali għall-osservazzjoni tad-dinja; iqis li l-GMES għandu jggarantixxi kontinwità tal-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ambjent u s-sigurtà fuq il-bażi tal-infrastrutturi ta' osservazzjoni spazjali in situ perenni;

Or. en

**Emenda 58**

**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 15 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15a. **Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-GMES daħlet fil-fażi operattiva tagħha, li fiha r-riskji finanzjarji huma estremament limitati meta mqabbla ma' dawk li jistgħu jitfaċċaw matul il-fażi ta' żvilupp, u jiddikjara li l-ispejjeż se jinżammu taħt kontroll, kif uriet l-esperjenza bi programmi Ewropej oħra bħall-programmi tas-satelliti meteoroloġiċi;**

*Emenda*

Or. fr

**Emenda 59**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u **tiċċara l-approċċ dwar** governanza effettiva; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni **tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jibża'**, għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutili;

*Emenda*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u **tressaq proposta għal** governanza effettiva **għal-livelli differenti ta' żvilupp u ġestjoni tal-programm, inkluż rwol ċar għall-Aġenzija Ambjentali Ewropea għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' servizzi li jqisu l-ħtiġijiet tal-utenti;** jiddispjaċih **u huwa sorpriż** li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni **tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jemmen**, għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku **jista'** jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutili;

Or. en

**Emenda 60  
Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u **tiċċara l-approċċ dwar** governanza effettiva; **jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jibża'**, **għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel** l-investimenti li saru s'issa inutili;

*Emenda*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u **tiggarantixxi** governanza effettiva **billi tuża l-għarfien espert tal-korpi pubbliċi u privati fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tinkludi l-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, **billi inkella l-kontinwità tal-GMES ma tistax tkun iggarantita u** l-investimenti li saru s'issa **jsiru** inutili;

Or. de

**Emenda 61**  
**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; **jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jibża', għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutli;**

*Emenda*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva, **filwaqt li tuża bl-aħjar mod possibbli lill-entitajiet – kemm pubbliċi kif ukoll privati – li jaħdmu fis-settur; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi l-finanzjament kollu** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jigħbed l-attenzjoni dwar ir-riskju li inkella l-investimenti li saru s'issa jintilfu;**

Or. fr

**Emenda 62**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni tal-finanzjament għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jibża', għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutli;**

*Emenda*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni tal-finanzjament għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, **u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-GMES f'dak il-qafas; jirrimarka, għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku fit-tul jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutli;**

Or. ro



**Emenda 63**  
**Rachida Dati, Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. **Jitlob** lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; **jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; **jibża', għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutili;**

*Emenda*

16. **Iħeġġeġ** lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva **u żżomm il-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020;

Or. fr

**Emenda 64**  
**Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 16**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; **jiddispjaċih** li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni **tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża', għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutili;

*Emenda*

16. Jitlob lill-Kummissjoni tlesti l-qafas leġislattiv u tiċċara l-approċċ dwar governanza effettiva; **huwa preokkupat ferm** li l-Kummissjoni ma proponietx l-inklużjoni **tal-finanzjament** għall-GMES fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jibża', għaldaqstant, li n-nuqqas ta' pjan finanzjarju ta' appoġġ ekonomiku jagħmel l-investimenti li saru s'issa inutili; **jitlob lill-Kummissjoni tqiegħed il-finanzjament disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020;**

Or. de

**Emenda 65**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-programm ikun possibbli; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li **tkun żgurata d-distinzjoni** bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li **jimponu** strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-sħiħ mill-2014;

*Emenda*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju **u ta' governanza** għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-programm ikun possibbli; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità, **il-kontinwità** u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li **jkun żgurat li jsiru distinzjonijiet minn naħa waħda** bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali **u min-naħa l-oħra bejn l-attivitajiet ta' żvilupp tal-ESA u l-attivitajiet tal-użu, l-operat u l-iżvilupp tas-sistemi** li **jirrikjedu** strutturi **Ewropej** u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-sħiħ mill-2014;

Or. fr

**Emenda 66**  
**Philippe Lamberts**  
fisem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-programm ikun possibbli; iqisha bħala

*Emenda*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil, **abbażi tal-eżami tal-għażliet kollha possibbli**, u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-

ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-*sħiħ* mill-2014;

programm ikun possibbli; ***dan għandu jingħaqad ma' politika Ewropea komuni dwar id-data biex jiġu żgurati aċċess u disponibbiltà miftuħa reali ta' data eżistenti***; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-*sħiħ* mill-2014;

Or. en

#### **Emenda 67 Norbert Glante**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 17**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva ***bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru*** ta' dan il-programm ***ikun possibbli***; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; ***jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-sħiħ mill-2014***;

##### *Emenda*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva ***biex timmaniġġja l-programm, tipprovdi data u tiggarrantixxi s-suċċess*** ta' dan il-programm ***u l-ilħuq tal-oġettiv tiegħu – operabbiltà sħiħa mill-2014***; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi;

Or. de

**Emenda 68**  
**Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi*** organizzazzjoni operattiva ***bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment*** tad-data sabiex ***is-suċċess*** veru ta' dan il-programm ***ikun possibbli; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-objettiv tal-programm ikun*** operattiv bis-sħiħ mill-2014;

*Emenda*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***skema ta'*** organizzazzjoni operattiva ***li tiżgura l-ġestjoni xierqa tal-programm u l-forniment*** tad-data ***mis-servizzi***, sabiex ***tipperpetwa s-suċċess*** veru ta' dan il-programm ***u biex jintlaħaq*** l-objettiv ***tiegħu li jkun*** operattiv bis-sħiħ mill-2014 ***'il quddiem; tali governanza għandha tkun imsejsa fuq kapaċitajiet eżistenti ta' inġinerija u ġestjoni tal-programmi;***

Or. en

**Emenda 69**  
**Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-programm ikun possibbli; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqis neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni

*Emenda*

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan finanzjarju għaż-żmien twil ***li jipprevedi l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u l-użu ta' bonds għall-proġetti u sħubijiet pubbliċi-privati***, u tiddefinixxi organizzazzjoni operattiva bir-responsabilità tal-ġestjoni u tal-forniment tad-data sabiex is-suċċess veru ta' dan il-programm ikun possibbli; iqisha bħala ħaġa importanti li jiġu definiti l-ftehimiet li għandhom jiġu applikati mal-aġenziji

bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-sħiħ mill-2014;

nazzjonali sabiex jiġu massimizzati l-interoperabilità u l-governanza tas-sistema; iqs neċessarju li tkun żgurata d-distinzjoni bejn l-użu xjentifiku u l-użu kummerċjali li jimponu strutturi u kompetenzi speċifiċi; jixtieq li l-oġettiv tal-programm ikun operattiv bis-sħiħ mill-2014;

Or. it

**Emenda 70**  
**Ioan Enciu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jappoġġa r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tiżiħ tal-komponent dwar "is-sigurtà" tal-Programm GMES għas-sorveljanza tal-fruntieri, l-appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-sorveljanza marittima, l-urġenzi kumplessi, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili eċċ., b'kunsiderazzjoni *tas-sensittività* tad-data *proċessati*;

*Emenda*

18. Jappoġġa r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tiżiħ tal-komponent dwar "is-sigurtà" tal-Programm GMES għas-sorveljanza tal-fruntieri, l-appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-sorveljanza marittima, l-urġenzi kumplessi, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili eċċ., b'kunsiderazzjoni *tal-ħtieġa tal-protezzjoni* tad-data *personali sensittiva* *proċessata*;

Or. ro

**Emenda 71**  
**Philippe Lamberts**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jappoġġa r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tiżiħ tal-komponent dwar "is-sigurtà" tal-Programm GMES għas-sorveljanza tal-fruntieri, l-appoġġ

*Emenda*

18. Jappoġġa r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tiżiħ tal-komponent dwar "is-sigurtà" tal-Programm GMES għas-sorveljanza tal-fruntieri, l-appoġġ

għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-sorveljanza marittima, l-urġenzi kumplessi, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili eċċ., b'kunsiderazzjoni tas-sensittività tad-data *proċessati*;

għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-sorveljanza marittima, l-urġenzi kumplessi, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili eċċ., b'kunsiderazzjoni tas-sensittività tad-data *proċessata u tal-ħtieġa tal-protezzjoni tal-privatezza u ta' drittijiet oħra taċ-ċittadini*;

Or. en

**Emenda 72**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**18a. Jirrimarka li l-ekonomija Ewropea u s-soċjetà Ewropea qed isiru gradwalment aktar dipendenti fuq infrastrutturi bbażati fuq l-ispazju li huma vitali għat-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropew indipendenti;**

Or. de

**Emenda 73**  
**Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-infrastrutturi spazjali kontra l-fdalijiet minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' programm ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu**

***imħassar***

*investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;*

Or. de

**Emenda 74**  
**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jista' jikkontribwixxi *għall-ħolqien* tal-infrastrutturi spazjali kontra l-fdalijiet minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' programm ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

*Emenda*

19. ***Jagħraf id-dipendenza li qed tiżdied tal-ekonomija u l-politiki Ewropej – partikolarment il-politika barranija u ta' sigurtà komuni – fir-rigward tas-settur tal-ispazju u jenfasizza li l-infrastruttura spazjali hija essenzjali għat-tisħiħ tal-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropew;*** iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jista' jikkontribwixxi *għall-protezzjoni* tal-infrastrutturi spazjali kontra l-fdalijiet minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' programm ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

Or. fr

**Emenda 75**  
**Rolandas Paksas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) **jista'** jikkontribwixxi *għall-ħolqien* tal-infrastrutturi spazjali kontra ***l-fdalijiet*** minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ***ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi***; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' programm ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

*Emenda*

19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jikkontribwixxi *għall-protezzjoni* tal-infrastrutturi spazjali ***kritika Ewropea*** kontra ***r-riskji ta' kolliżjonijiet bejn vetturi spazjali jew ma' fdalijiet*** minn oġġetti mkissra fl-ispazju ***jew oġġetti qrib id-dinja, minbarra r-riskji marbuta mal-meteoroloġija spazjali***; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' programm ġdid għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

Or. It

**Emenda 76**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jista' jikkontribwixxi *għall-ħolqien* tal-infrastrutturi spazjali kontra l-fdalijiet minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi; hu tal-fehma li l-ħolqien ta' ***programm ġdid*** għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

*Emenda*

19. Iqis li l-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tas-sitwazzjoni fl-ispazju (Space Situation Awareness) jista' jikkontribwixxi *għall-protezzjoni* tal-infrastrutturi spazjali kontra l-fdalijiet minn oġġetti mkissra fl-ispazju, ir-radjazzjoni solari u l-asterojdi; hu tal-fehma li l-ħolqien ***tal-programmi Ewropej ġodda kollha*** għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċitajiet, ***fuq il-ħiliet*** u fuq l-infrastrutturi eżistenti li talbu investimenti min-naħa ta' kull wieħed mill-Istati Membri u għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet attwali difettużi;

Or. fr



**Emenda 77**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**19a. Jemmen li l-politika spazjali għandha tinkludi wkoll politiki dwar is-sigurtà ta' infrastruttura spazjali Ewropea kritika u dwar l-irkupru sikur ta' tagħmir li ma ntużax;**

Or. ro

**Emenda 78**  
**Vladimír Remek, Jan Březina, Evžen Tošenovský**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19 – punt a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**(a) Iqis li l-użu massimu tas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita jappoġġa direttament il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-manifattura, iħeġġeġ il-bażi industrijali fl-Ewropa u jservi bħala reazzjoni għall-objettivi politiċi ewlenin li ġejjin:**

**- Il-kisba ta' kopertura totali tal-UE bl-internet broadband, anke għas-servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss, billi n-netwerks satellitari huma komponent essenzjali tat-taħlita ta' teknoloġiji biex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali tal-UE.**

**- L-implimentazzjoni ta' trasport stradali, bil-baħar u bl-ajru li jkun sostenibbli, sikur u intelliġenti.**

**- Il-massimizzazzjoni tal-kontribut tal-UE għal programmi ta' żvilupp ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u t-tisħiħ tal-kontribut tal-**

*UE għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.*

*- L-iżgurar ta' rwol xieraq tal-UE fir-reazzjoni għal diżastri futuri fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha.*

Or. en

## **Emenda 79**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 20**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha bżonn ta' bażi teknoloġika soda ***jekk trid taġixxi b'mod awtonomu u trid li jkollha industrija tal-ispazju kompetittiva***; jenfasizza li qafas leġislattiv, *amministrattivi* u finanzjarju huwa fundamentali għall-investimenti tal-industrija fir-riċerka u l-innovazzjoni;

##### *Emenda*

20. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha bżonn ta' bażi teknoloġika ***u tal-għarfien*** soda ***biex tuża bl-aħjar mod possibbli l-applikazzjonijiet marbuta mal-ispazju għas-servizz taċ-ċittadini tagħha***; jenfasizza li qafas leġislattiv, *amministrattivi* u finanzjarju huwa fundamentali għall-investimenti tal-industrija fir-riċerka u l-innovazzjoni;

Or. en

## **Emenda 80**

**Edit Herczog**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 20**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha bżonn ta' bażi teknoloġika soda jekk trid taġixxi b'mod awtonomu u trid li jkollha industrija tal-ispazju kompetittiva; jenfasizza li qafas leġislattiv, *amministrattivi* u finanzjarju huwa fundamentali għall-investimenti tal-industrija fir-riċerka u l-

##### *Emenda*

20. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha bżonn ta' bażi teknoloġika soda jekk trid taġixxi b'mod awtonomu u trid li jkollha industrija tal-ispazju kompetittiva ***li tista' tikkompeti f'kundizzjonijiet ġusti ma' industriji mhux Ewropej***; jenfasizza li qafas leġislattiv, *amministrattivi* u

innovazzjoni;

finanzjarju huwa fundamentali għall-investimenti tal-industrija fir-riċerka u l-innovazzjoni;

Or. en

**Emenda 81**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**20a. Jemmen li l-UE trid tinvesti biex tiżgura aċċess Ewropew garantit għall-infrastruttura spazjali u orbitali;**

Or. ro

**Emenda 82**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija futura fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Istati Membri;

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija futura fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Istati Membri ***rigward it-teknoloġiji, il-ħiliet u s-sorsi doppji kollha meħtieġa biex tinkiseb il-kompetittività, jiġi żgurat li l-Ewropa ma tkunx dipendenti, jinkiseb aċċess għas-swieq internazzjonali u jtnaqqsu r-riskji għall-programmi Ewropej;***

Or. fr

**Emenda 83**  
**Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija futura fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea **u** mill-Istati Membri;

*Emenda*

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija futura fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; ***iqis li politika Ewropea dwar ir-riċerka u l-iżvilupp għall-ispazju trid tiżgura d-disponibbiltà ta' teknoloġiji meħtieġa – bil-maturità xierqa, il-livell meħtieġ ta' nondipendenza, u b'kundizzjonijiet kompetittivi***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea, mill-Istati Membri ***u mill-Industrija Spazjali***;

Or. en

**Emenda 84**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija ***futura*** fil-qasam ***tar-riċerka u l-innovazzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Istati Membri;

*Emenda*

21. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija ***dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni*** fil-qasam ***tal-politika spazjali li tiżgura progress teknoloġiku, żvilupp industrijali u kompetittività tal-UE u toħloq l-impjiegi fl-UE***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kalendarju strateġiku sabiex tiżgura l-koerenza bjen l-isforzi provduti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u dawk li jsiru mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-Istati Membri;

**Emenda 85**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Iqis neċessarju li jiġu stabbiliti mekkaniżmi u programmi biex ikun ***stimulat is-suq*** għall-applikazzjonijiet u s-servizzi li jirriżultaw mill-Programmi Galileo/EGNOS u GMES, kif ukoll għas-settur tat-telekomunikazzjonijiet u għas-servizzi li jipprevedu użu konġunt tas-servizzi spazjali differenti biex b'hekk jirrisodisfaw b'mod effikaċi l-eżiġenzi taċ-ċittadini;

*Emenda*

22. Iqis neċessarju li jiġu stabbiliti mekkaniżmi u programmi biex ikun ***permiss il-fehim tas-suq utli*** għall-applikazzjonijiet u s-servizzi li jirriżultaw mill-Programmi Galileo/EGNOS u GMES, kif ukoll għas-settur tat-telekomunikazzjonijiet u għas-servizzi li jipprevedu użu konġunt tas-servizzi spazjali differenti biex b'hekk jirrisodisfaw b'mod effikaċi l-eżiġenzi taċ-ċittadini;

Or. en

**Emenda 86**

**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 22 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***22a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu tas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita, billi s-satelliti tat-telekomunikazzjoni huma vitali għas-suċċess tal-industrija spazjali u s-servizzi marbuta huma fundamentali biex jintlaħqu l-oġġettivi Ewropej, bħall-għoti tal-aċċess għal servizzi broadband, l-introduzzjoni tat-trasport intelliġenti jew il-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;***

### Emenda 87

Rachida Dati, Christine De Veyrac

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Paragrafu 23

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **trasportaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

###### *Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **lanċaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni, **u għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel proposti konkreti għas-sottosettur strateġiku tal-lanċaturi, inter alia billi tagħtih attenzjoni partikolari fil-politika dwar l-industrija spazjali;**

Or. fr

### Emenda 88

Gaston Franco

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Paragrafu 23

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **trasportaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

###### *Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex **ikun żgurat li l-Ewropa ma tkunx dipendenti u biex** tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija **tal-Ewropa** fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **lanċaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

Or. fr

**Emenda 89**  
**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività **Ewropea**, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **trasportaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

*Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività **u l-indipendenza Ewropej**, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **lanċaturi** Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

Or. fr

**Emenda 90**  
**Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' trasportaturi Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

*Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju **b'kundizzjonijiet xierqa**, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' trasportaturi Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

Or. en

**Emenda 91**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 23**

AM\879645MT.doc

PE473.828v01-00 47/58 AM

**MT**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' trasportaturi Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

*Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, billi jkun preferut l-użu ta' **lanċaturi u** trasportaturi Ewropej u billi tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

Or. de

**Emenda 92**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 23**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju, **billi jkun preferut l-użu ta' trasportaturi Ewropej** u **billi** tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

*Emenda*

23. Iqis ukoll neċessarju, sabiex tkun ikkonsolidata l-kompetittività Ewropea, li tinżamm l-awtonomija fl-aċċess għall-ispazju u tkun verifikata r-relevanza tal-organizzazzjoni operattiva u industrija fir-rigward tal-eżiġenzi komuni;

Or. en

**Emenda 93**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 24**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

24. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem

*Emenda*

24. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem



b'mod xieraq fuq l-eżiġenzi finanzjarji u prattiki fil-programmi oqfsa futuri tar-riċerka;

b'mod xieraq fuq l-eżiġenzi finanzjarji u prattiki fil-programmi oqfsa futuri tar-riċerka; ***b'mod partikolari, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet marbuta mal-ispazju għandhom ikunu integrati bħala teknoloġiji ewlenin utli għall-oqfsa ta' riċerka settorjali differenti bħat-tibdil fil-klima, l-ambjent, it-trasport, l-agrikoltura, eċċ., pjuttost milli jkunu limitati għas-settur spazjali biss;***

Or. en

#### **Emenda 94 Vladimír Remek**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 25**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

25. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea għażliet għall-esplorazzjoni tal-ispazju billi tindika l-ispejjeż u l-benefiċċju potenzjali; iqis, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija konġunta ***mal-Istati Uniti*** permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni bbażat fuq ***opportunitajiet reali***;

##### *Emenda*

25. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea għażliet għall-esplorazzjoni tal-ispazju billi tindika l-ispejjeż u l-benefiċċju potenzjali; iqis, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija konġunta ***mas-sħab internazzjonali*** permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni bbażat fuq ***il-kunsens ġenerali tal-partijiet interessati kollha u b'kontributi raġonevoli mill-Unjoni Ewropea***;

Or. cs

#### **Emenda 95 Norbert Glante**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 25**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

25. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina

##### *Emenda*

25. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina

b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea għażliet għall-esplorazzjoni tal-ispazju billi tindika l-ispejjeż u l-benefiċċju potenzjali; iquis, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija konġunta **mal-Istati Uniti** permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni bbażat fuq opportunitajiet reali;

b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea għażliet għall-esplorazzjoni tal-ispazju billi tindika l-ispejjeż u l-benefiċċju potenzjali; iquis, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija konġunta **mas-sħab internazzjonali** permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni bbażat fuq opportunitajiet reali;

Or. de

**Emenda 96**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Iquis li *ol-kooperazzjoni internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;*

*Emenda*

26. ***Itenni li l-kooperazzjoni internazzjonali għal raġunijiet ta' paċi hija valur bażiku tal-Unjoni Ewropea u hija fiċ-ċentru tal-politiki tagħha; iquis li l-kooperazzjoni internazzjonali, li hija primarjament ibbażata fuq il-kapaċitajiet u l-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew, għandha tiggarrantixxi aċċess ottimali għad-data għall-utenti Ewropej; biex tiġi appoġġata l-eċċellenza xjentifika, teknika u industrijali fl-Ewropa fis-settur spazjali, ifakkar li l-kooperazzjoni internazzjonali tippermetti l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar, bħall-Istazzjon Spazjali Internazzjonali;***

Or. cs

**Emenda 97**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Iqis li *ol-kooperazzjoni* internazzjonali **għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku**; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;

*Emenda*

26. Iqis li *l-kooperazzjoni* internazzjonali **għal raġunijiet ta' paċi, pereżempju dwar il-proġett tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali, hija konsistenti għalkollox mal-valuri tal-Unjoni Ewropea u għalhekk isservi biex issejjes il-politiki tagħha**;

Or. de

**Emenda 98**

**Philippe Lamberts**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Iqis li *ol-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi **t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku**; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;

*Emenda*

26. Iqis li *l-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi **l-qsim tal-għarfien u l-iżvilupp interoperabbli tal-applikazzjonijiet utli biex jiġu affrontati l-isfidi kbar tas-soċjetà li l-Ewropa u d-dinja qed jaffaċċjaw bħalissa**; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;

Or. en

**Emenda 99**

**Rolandas Paksas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Iqis li *ol-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;

*Emenda*

26. Iqis li *l-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; ***jirrimarka li l-Unjoni Ewropea għandha tkun minn ta' quddiem fil-qasam spazjali u għandha żżomm rwol strateġiku sostanzjali fil-livell dinji, partikolarment fin-negozjati internazzjonali dwar is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Ispazju u l-esplorazzjoni tal-ispazju***; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi l-kbar;

Or. It

**Emenda 100**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

26. Iqis li *ol-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi ***l-kbar***;

*Emenda*

26. Iqis li *l-kooperazzjoni* internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea, ***l-infrastruttura*** u s-servizzi tal-ispazju u, għalhekk, għandha ssaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; jenfasizza li l-isforzi fis-settur tal-politika spazjali jistgħu jitwettqu b'mod iktar effikaċi permezz tal-kollaborazzjoni industrijali u l-kondiviżjoni tal-investimenti fuq il-programmi ***kollha possibbli***;

Or. fr

**Emenda 101**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**26a. Iqis li l-kooperazzjoni internazzjonali għandha tippromwovi t-teknoloġija Ewropea u s-servizzi tal-ispazju u b'hekk tgħin biex jissaħħaħ dan is-settur industrijali strateġiku; jenfasizza li l-effikaċja tas-settur tal-politika spazjali tista' tittejjeb permezz ta' kooperazzjoni industrijali u ta' investiment konġunt fi programmi ewlenin;**

Or. de

**Emenda 102**  
**Niki Tzavela**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 26 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**26a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat rwol xieraq tal-UE fir-reazzjoni għal diżastri futuri fl-UE u lil hinn minnha;**

Or. en

**Emenda 103**  
**Vladimír Remek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 27**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

27. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji strateġija internazzjonali ta' kooperazzjoni

27. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji strateġija internazzjonali ta' kooperazzjoni

b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri **u** l-Aġenzija Spazjali Ewropea sabiex issaħħaħ id-djalogu fil-qasam tal-politika spazjali mal-imsieħba strateġiċi (l-Istati Uniti u l-Federazzjoni tar-Russja) u tesplora l-possibilità li jiġi stabbilit djalogu simili ma' poteri oħra emerġenti bħaċ-Ċina;

b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, l-Aġenzija Spazjali Ewropea **u l-aġenziji kompetenti** sabiex issaħħaħ id-djalogu fil-qasam tal-politika spazjali mal-imsieħba strateġiċi (l-Istati Uniti u l-Federazzjoni tar-Russja) u tesplora l-possibilità li jiġi stabbilit djalogu simili ma' poteri oħra emerġenti bħaċ-Ċina **jew l-Indja; bħala tkomplija għall-kooperazzjoni kontinwa u siewja fl-oqsma tax-xjenza spazjali u l-meteoroloġija operattiva;**

Or. cs

**Emenda 104**  
**Henri Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**27a. Jirrimarka li l-kooperazzjoni internazzjonali, għalkemm mixtieqa, partikolarment rigward ir-riċerka, għandha tkun reċiproka u ta' benefiċċju reċiproku; jiddispijaċih li s-swieq istituzzjonali tal-kompetituri spazjali ewlenin tagħna huma magħluqin għall-industriji barranin, inklużi l-industriji Ewropej;**

Or. fr

**Emenda 105**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**27a. Ifakkar lil min ifassal il-politika tal-Unjoni Ewropea li l-biċċa l-kbira tas-**

*swieq istituzzjonali tad-dinja  
sfortunatament mhumiex miftuħa għall-  
kompetizzjoni internazzjonali u li l-  
kompetizzjoni internazzjonali prevista trid  
tkun ibbażata fuq kundizzjonijiet li  
jagħmlu l-kummerç ġust possibbli;*

Or. fr

**Emenda 106**  
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*27a. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ  
il-kooperazzjoni industrijali ma' pajjiżi  
terzi fil-qasam tal-politika spazjali, u  
speċjalment mal-Istati Uniti, mal-Ġappun,  
mar-Russja, maċ-Ċina, mal-Indja, mal-  
Brażil, mal-Arġentina u maċ-Ċili, u mal-  
pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani;*

Or. ro

**Emenda 107**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 28**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

28. Ifakkar li skont l-Artikolu 189 tat-  
TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha  
***tistabbilixxi kwalunkwe rabta utli*** mal-  
Aġenzija Spazjali Ewropea ***sabiex jiġu***  
***definiti r-responsabilitajiet reċiproċi***  
***mingħajr idduplikar tar-rwoli*** u tal-  
investimenti;

28. Ifakkar li skont l-Artikolu 189 tat-  
TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha ***tejjeb***  
***ir-relazzjonijiet eżistenti*** mal-Aġenzija  
Spazjali Ewropea; ***barra minn hekk, huwa***  
***tal-fehma li għandha tiġi stabbilita***  
***diviżjoni ċara tar-responsabilitajiet u***  
***għandha tiġi evitata duplikazzjoni tal-  
istrutturi*** u tal-investimenti;

**Emenda 108**  
**Rolandas Paksas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**28a. Huwa favur li jiġu żviluppati l-attivitajiet ta' esplorazzjoni tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea u li dawn l-attivitajiet jiġu koordinati f'livell Ewropew, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea; jirrimarka li l-ħolqien ta' korp Ewropew ta' astronawti abbażi tal-korp attwali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea joffri aktar possibilitajiet biex il-missjonijiet jitqiegħdu gradwalment taħt il-kontroll dirett tal-Unjoni Ewropea u jwassal għall-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' trasport tal-ekwipaġġ; iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tagħti kontribut aktar attiv biex l-infrastruttura tal-illanċjar tiġi adattata skont il-pass ta' żvilupp tas-sistema ta' llanċjar Ariane 5, u biex jiġi adattat u mantnut il-Port Spazjali Ewropew (Ċentru Spazjali ta' Gujana);**

Or. It

**Emenda 109**  
**Axel Voss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 29**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**29. Iqis li l-indħil dejjem jikber tal-Unjoni fl-ispazju jeżiġi definizzjoni ġdida tar-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija Spazjali Ewropa, b'kunsiderazzjoni tal-**

**imħassar**



*fatt li l-kompetenzi tekniċi u ta' programmazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Spazjali Ewropea huma fundamentali għaż-żamma tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u tal-kompetittività tal-industrija Ewropea;*

Or. de

**Emenda 110**  
**Gaston Franco**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 29**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

29. Iqis li l-indhila dejjem jikber tal-Unjoni fl-ispazju jeżiġi definizzjoni ġdida tar-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija Spazjali Ewropea, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kompetenzi tekniċi u ta' programmazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Spazjali Ewropea huma fundamentali għaż-żamma tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u tal-kompetittività tal-industrija Ewropea;

*Emenda*

29. Iqis li l-indhila dejjem jikber tal-Unjoni fl-ispazju jeżiġi definizzjoni ġdida tar-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija Spazjali Ewropea **u mal-aġenziji nazzjonali**, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kompetenzi tekniċi u ta' programmazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Spazjali Ewropea **u mill-aġenziji nazzjonali** huma fundamentali għaż-żamma tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u tal-kompetittività tal-industrija Ewropea **u li l-Unjoni Ewropea tista' tikkonċentra fuq l-operazzjonijiet, l-iżviluppi u l-kontinwità tas-sistemi spazjali li teħtieġ, kif ukoll fuq l-espansjoni internazzjonali tas-swieq u fuq it-talbiet tal-utenti, bl-għan li jissaħħu l-kapaċità u l-kompetittività tal-industrija Ewropea;**

Or. fr

**Emenda 111**  
**Ioan Enciu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 29**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

29. Iqis li l-indħil dejjem jikber tal-Unjoni fl-ispazju jeżiġi definizzjoni ġdida tar-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija Spazjali Ewropa, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kompetenzi tekniċi u ta' programmazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Spazjali Ewropea huma fundamentali għaż-żamma tal-kapaċitajiet **teknoloġiċi** u tal-kompetittività tal-industrija Ewropea;

*Emenda*

29. Iqis li l-indħil dejjem jikber tal-Unjoni fl-ispazju jeżiġi definizzjoni ġdida tar-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija Spazjali Ewropa, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kompetenzi tekniċi u ta' programmazzjoni żviluppata mill-Aġenzija Spazjali Ewropea huma fundamentali għaż-żamma tal-kapaċitajiet u tal-kompetittività **teknoloġiċi** tal-industrija Ewropea **f'livell għoli**;

Or. ro

**Emenda 112**  
**Norbert Glante**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

**29a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq ir-rwol tagħha ta' superviżjoni u tmexxija politika vis-à-vis organizzazzjonijiet li jaħdmu f'isimha;**

*Emenda*

Or. de